# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-25 ta' Jannar, 2002

**Numru 33**

**Avviz numru 907/01DM**

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Charles Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta' erba' t'elef, tlett mija u ghoxrin liri maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm4320.62c), in kwantu ghall-elfejn, seba' mija u wiehed u erbghin liri maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm2741.33c) rapprezentanti l-bilanc fuq self maghmul lill-konvenut bi ftehim tat-23 ta' Lulju, 1998 (Dok A), u dan peress li l-konvenut kiser u waqaf jopera dan il-ftehim qabel ma skonta s-somma kollha lilu mislufa, u kwantu ghall-elf, hames mija u disa' u sebghin liri maltin u disa' u ghoxrin centezmi (Lm1579.29c) rapprezentanti l-bilanc fuq bejgh lill-konvenut ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici ghall-uzu minnu

fil-Café Babilonja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' t'elef, tliet mija u ghoxrin liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm4320.62c), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Dicembru tas-sena 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va